MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2011

Numru. 962/2011

Il-Pulizija
(Sp Nikolai Sant u Sp Louise Calleja)
vs
Carmel Debattista, iben Emanuel, imwieled Pieta' fit-2 ta' Ġunju, 1964, Karta ta' l-Identita numru 290664(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-21 ta' Awwissu, 2011 f'xi ħin wara t-tmienja ta' fil-għodu ġewwa Paceville, San Ġiljan:
1. bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta żamm jew issekwestra lil xxxxxxxxxxx kontra l-volonta' tagħha u dan bħala mezz biex tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

2. ikkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess xxxxxxxxxxxx.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' xxxxxxxxxx u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha xierqa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Awwissu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 86, 87(1)(g) u 207 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------